# Santi tal-Madonna tal-Karmnu

Kitba ta' Mario Fenech






MARIA SS. DEL CARMINE
DETTA DELLA BRUNA
venerata nel Santuario del Carmine Maggiore di NAPOLI

Niltaqgħu ma' diversi mezzi li permezz tagħhom jista' jitwassal xi messaġġ partikolari, jew tinxtered xi devozzjoni lejn il-Madonna u l-Qaddisin. Illum il-mezzi ta' komunikazzjoni huma ħafna biex il-messaġġ jasal ferm aktar malajr. Iżda x'kien isir meta ma kienx hawn dan kollu?

Mezz prattiku ta' snin ilu kien dak tat-tqassim tas-santi. Dawn kienu jkunu ppreżentati b'mod li jolqtu l-għajn u fuq in-naħa ta' wara tagħhom kien ikun hemm talb u l-għoti ta' Indulġenzi għal dawk li kienu jgħidu dan it-talb.

Santi bix-xbieħa tal-Madonna bit-titlu tal-Karmelu kienu komuni għaliex id-devozzjoni lejn il-Madonna minn dejjem kienet waħda qawwija. Jien għandi minn dawn is-santi fil-kollezzjoni tiegħi għaldaqstant għażilt tlieta minnhom għal dan l-artiklu.

L-ewwel santa turina lill-Madonna tal-Karmnu qegħda teħles lill-Erwieħ it-Tajba mill-Purgatorju. Santa maħruġa fl-Italja fl-14 ta' April tas-sena 1908. Hija santa fina ħafna bil-kulur u minn dawk magħrufa bħala tal-pizzi. Fuq in-naħa ta' wara talba bl-ilsien Taljan li bl-ilsien Malti tgħid hekk: "Il-Labtu Mqaddes huwa premju ta' mħabba u protezzjoni minn Maria Verġni. Kemm grazzji ġew mismugħa lil dawk kollha li ma' għonqhom jilbsu dan l-eżempju mirakoluż b'tant umiltà u paċenzja. Jiddefendihom minn kull attakk tad-demonju u jipproteġihom minn kull periklu fuq din l-art".

Il-kitba tkompli hekk: "Minbarra dawn il-Grazzji li ġew imwegħda mill-Verġni Marija, 'l Qdusija Tiegħu l-Papa żied dawn l-Indulġenzi".

Fit-tieni parti tal-kitba ta' din is-santa hemm spjegazzjoni ta' kif wieħed jista' jaqla' l-Indulġenzi mogħtija.

It-tieni santa hija waħda wkoll bil-kulur u saħansitra hija mżejna b'kulur dehbi jleqq. Fiha naraw xbieħa tal-Madonna tal-Karmnu magħrufa bħala 'is-Samra' li tinsab fis-Santwarju ddedikat lilha f'Napli, l-Italja.

It-talba li fiha fuq in-naħa ta' wara tgħid hekk:

"Oh Beata Verġni Immakulata, dekorata bit-Titlu tal-Karmelu. Int li tħares b'għajn ta' tjubija lejn dawk li jilbsu l-Labtu li huwa



B. V. del Carmine

meqjus bħala l-Mant tal-Protezzjoni tiegħek. Saħħaħli d-djufija tiegħi permezz tal-poteri tiegħek, dawwalli moħħi bl-Għerf u l-Fidi tiegħek kif ukoll bit-tama u s-sens ta' karità. Żejjen ir-ruħ tiegħi bil-grazzji u l-virtù li dejjem ħaddan l-Iben tiegħek. Ieqaf miegħi tul ħajti, ikkonslani waqt il-mewt tiegħi bil-preżenza tiegħek, wassalni lejn it-Trinità Qaddisa bħala l-iben u s-serv tiegħek u daħħalni fil-Glorja tal-Ġenna. Amen".

Kull min igħid tlett Ave u Glorja ma' din it-Talba darba kuljum jikseb 200 Jum ta' Indulġenza mogħtija mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Leone XIII nhar is-16 ta' Ġunju 1886.

It-tielet santa naraw fiha lill-Madonna bil-Bambin mgħannaq magħha. F'idejn il-Madonna l-Labtu Mqaddes, filwaqt li kemm il-Madonna kif ukoll il-Bambin huma mlibbsin il-Kuruni Rjali. Hawn wieħed jifhem li din ix-xbieha hija sinjal tal-kobor tal-Madonna Reġina tal-Karmelu. Iż-żewġ Anġli li jidhru qegħdin iżommu l-Kuruna huma xhieda ta' dan. Fil-parti ta' isfel tas-santa, bħal fil-każ ta' l-ewwel santa, naraw l-erwieħ tal-Purgatorju jistennew l-interċessjoni tal-Madonna biex jiksbu d-dħul tagħhom fil-Ġenna. Santa oħra fina bil-pizzi u bl-istess talba ta' l-ewwel santa li rajna, fuq in-naħa ta' wara.

Kif ktibt fl-introduzzjoni ta' dan l-artiklu dawn is-santi jixhdu kemm id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu tmur lura fis-snin.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.


**GEJTU BUTCHER**

41, St Michael Street, Żurrieq
Tel: 2164 2289

**for tender meat, pork, fresh beef and frozen foods, etc**

*jawgura l-festa t-tajba lil kulħadd*

**GabyDrag Trophies**
***Żurrieq***

The latest Trophies, Medals & Awards from Italy, Gemany & Holland

*Tel: 21 649 509 • Mob: 99 462 155 - 99 495 794*
*Fax: 21 649 509 • E-Mail: ritazarb@onvol.net*



**DENFAR**
**CONCRETE SUPPLIES LTD**

***Concrete & Bricks Suppliers***

Old Valletta Road, Mqabba ZRQ 08
Tel: 21683228 - 21685706 • Mob: 79433228 • Fax: 21689529
E-mail: denfar@maltanet.net